## Nesperjenzaw ix-Xogħol 2018

**Min qed jorganizza dan il-proġett?**
It-Tim tal-Karrieri fi ħdan il-Kulleġġ San Ġorġ Preca, bil-kollaborazzjoni tal-*Guidance Teachers* tal-Iskola Sekondarja Ħamrun.

**X'jinvolvi?**

L-istudenti jmorru fuq post tax-xogħol ma' *employer* għal perjodu ta' ġimgħa ta' skola (mit-Tnejn sal-Ġimgħa, ħinijiet tal-iskola). Matul dawn il-jiem, l-istudenti jkollhom l-opportunità josservaw u jitgħallmu iktar dwar is-settur li jkunu għażlu.

**Meta se ssir?**

L-esperjenza se ssir fuq ġimgħatejn. L-ewwel ġimgħa se tkun bejn **it-12 u s-16 ta' Marzu 2018** filwaqt li t-tieni ġimgħa se tkun bejn **l-20 u t-23 ta' Marzu 2018**.

L-entità tagħkom tista' tieħu sehem jew f'waħda mill-ġimgħat indikati, jew fit-tnejn li huma – dejjem skont l-eżiġenzi tal-Maniġment.

**X'inhu l-ħsieb wara dan il-proġett?**

L-għan ta' din l-esperjenza huwa sabiex jgħin lill-istudenti jiksbu l-ħiliet u jippreparaw ruħhom, b'mod iżjed konxju u infurmat, għad-dinja tax-xogħol u għall-edukazzjoni lil hinn minn dik obbligatorja. Mill-esperjenza tagħna rajna kif ħafna żgħażagħ ġew lura l-Iskola b'aktar ħeġġa u determinazzjoni dwar il-futur tagħhom.

Għal bosta studenti, din il-ġimgħa barra mill-iskola, tgħinhom ukoll sabiex jiskopru iktar lilhom nfushom u jsiru individwi iżjed awtonomi u responsabbli.

**Min huma l-istudenti? U kemm-il *placement* qegħdin titolbu?**

Din l-esperjenza tiġi offruta lill-istudenti kollha tar-Raba' Sena tas-Sekondarja, bniet u subien. L-etajiet tagħhom tvarja bejn l-14 u l-15-il sena.

Hemm madwar 190 student li qegħdin jistennew bi ħġarhom sabiex imorru għal din il-ġimgħa ta' esperjenza. In-numru ta' studenti li lesti li tilqgħu fl-entità tagħkom tiddeċiduh intom, iżda, fejn hu possibbli, napprezzaw tkunu ġenerużi.

**Kif jintgħażlu l-istudenti biex imorru fuq *placement*?**

Fl-aħħar tat-Tielet Sena tas-Sekondarja ssir preżentazzjoni fejn tingħata informazzjoni dwar l-esperjenza u s-setturi offruti. L-istudenti jintalbu jniżżlu l-preferenzi tagħhom. Ikollhom ukoll iċ-ċans jiddiskutu l-għażliet

u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Ladarba jinġabru lura dawn il-preferenzi, jinstabu l-postijiet skont l-għażliet tal-istudenti, dejjem fejn dan ikun possibbli, u wara li ssir diskussjoni mat-tim tal-Iskola.

**X'inhu mistenni minni bħala *employer*?**

Huwa ta' benefiċċju għall-istudenti li jkunu involuti fil-proċess tax-xogħol, mingħajr ma jtellfu l-andament tal-operat. Għalhekk huwa importanti li l-istudenti jitqiegħdu taħt is-superviżjoni ta' ħaddiem tal-post. L-istudenti qegħdin hemm sabiex *josservaw* u *juru interess f'dak li jkun qed isir*.

Hawnhekk importanti li niġbdu l-attenzjoni tagħkom li l-istudenti mhumiex qegħdin hemm biex jikkumpensaw għal ħaddiem ieħor. Għalhekk, jekk jingħataw xogħol x'jagħmlu, din trid tkun attività li (i) tirrispetta l-etajiet tagħhom, (ii) ma tkunx ta' periklu għal saħħithom, u (iii) taqa' fil-kapaċità tal-liġi. Is-saħħa u s-sigurtà tagħhom hija mportanti ħafna.

Iktar minn hekk, ma jista' jsir *ebda forma ta' ħlas* lill-istudenti wara din l-esperjenza. Jekk tħossu li għandkom tippremjaw l-esperjenza tagħhom, dejjem nagħtu l-parir li jinħareġ *voucher* f'isimhom jew f'isem l-Iskola.

Inħallu fid-diskrezzjoni tagħkom l-għażla li tħallu lill-istudenti fl-istess post mal-istess ħaddiem għal ġimgħa sħiħa jew inkella ddawruhom mal-entità biex jaraw taqsimiet differenti. Jekk ikun hemm il-ħsieb f'tat-tieni, minn naħa tagħna dejjem nirrakkomandaw li jsir programm li nkunu nistgħu ngħadduh lill-istudenti qabel ma jibdew l-esperjenza.

Fl-eventwalità li l-istudenti jkunu se joħorġu barra minn fuq il-post, nitolbukom sabiex tinfurmawna minn qabel tibda l-ġimgħa sabiex jinġabar il-kunsens mingħand il-ġenituri/kustodji legali. Kull ħaġa li ssir trid *dejjem* l-awtorizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati.

L-istudenti huma mistennija li jilbsu lbies xieraq skont il-post fejn sejrin u jattendu ġimgħa sħiha. Arranġamenti differenti għandhom jiġu diskussi qabel.

Fir-rigward tal-ħinijiet, dawn ma jistgħux jaqbżu l-ħin stipulat tal-Iskola, jiġifieri, bejn it-8am u s-2:30pm. Nifhmu, madanakollu, li kull entità taħdem bil-ħinijiet tagħha u bi qbil jistgħu jsiru arranġamenti oħra. Billi l-ġurnata hija twila, aħna nissuġġerixxu dejjem sabiex l-istudenti jitħallew jieħdu minn tal-anqas għoxrin (20) minuta brejk.

Fl-inċidenza li l-istudent/a j/turi x-xewqa li j/tibqa' wara l-ħin u intom mhux kuntrarji li jsir dan, intom mitluba tgħarrfuna minn qabel b'dan l-arranġament sabiex l-ewwel jinkiseb kunsens bil-miktub m'għand il-ġenituri/kustodji legali tal-istudent/a kkonċernat/a.

L-istudenti dejjem jiġu mwissija sabiex jekk iqumu ma jifilħux jew għal raġuni oħra ma jkunux jistgħu jiġu fil-ġurnata, għandhom dejjem javżawkom. Madanakollu, f'każijiet ta' assentijiżmu mhux ġustifikat jew imġiba mhux xierqa, intom fid-dmir li tgħidulna sabiex jittieħdu l-passi kollha neċessarji. Minn naħa tagħna, matul il-ġimgħa tal-esperjenza, se nżommu ruħna f'kuntatt dirett magħkom biex niżguraw li kollox imur sew.

Matul il-jiem tal-esperjenza, l-istudenti jsirulhom tal-inqas żewġ żjarat minn membri tal-istaff tagħna. Matul dawn iż-żjarat issir daqsxejn ta' riflessjoni fuq il-ħajja ta' fuq il-post tax-xogħol u jiġu diskussi diffikultajiet li jaf ikollhom. Il-membri tal-istaff jinfurmawkom minn qabel meta jkunu ġejjin jaraw lill-istudenti.

**X'inhu mistenni mill-istudenti?**

L-istudenti huma mitlubin iħarsu u jobdu ir-regolamenti tal-entità tagħkom. Nagħfsu ħafna magħhom sabiex ikunu fil-ħin, jippreżentaw ruħhom bl-aħjar mod possibbli, u jippjanaw minn qabel kif se jaslu u jmorru lura minn fuq il-post.

F'każijiet ta' mard jew diffikultajiet/inċidenti li jafu jiltaqgħu magħhom, dejjem insostnu li għandhom jinfurmawkom minnufih.

Minbarra hekk, huma mistennija josservaw dak li jkun għaddej madwarhom. Għall-finijiet tal-esperjenza nnifisha, ninkoraġġixxu li l-istudenti jkunu involuti, direttament kif ukoll indirettament, f'dak li jkunu qed josservaw sabiex b'hekk jingħata valur liż-żmien li jkunu qattgħu fl-entità tagħkom.

Nifhmu li jista' jingħad ċertu diskors kunfidenzjali u sensittiv li m'għandux joħroġ 'l barra mill-entità. Għalhekk, dejjem inwissu lill-istudenti tagħna biex iżommu l-kunfidenzjalità.

L-istudenti jiġu infurmati wkoll sabiex jieħdu magħhom l-ikel u x-xorb. Mhuwiex permess bl-ebda mod li matul il-ħin tal-brejk jitħallew joħorġu minn fuq il-post tax-xogħol.

Kull ġurnata tal-esperjenza, l-istudenti jafu li għandhom jgħaddulkom il-karta tal-attendenza biex tiġi ffirmata minn xi ħadd mill-entità. Fejn tħossu l-bżonn tistgħu tiktbulhom xi kummenti. Hija fir-*responsabbiltà* tal-istudenti li jiġu bil-karta.

**X'se nieħu minn din l-esperjenza bħala *employer*?**

Il-parteċipazzjoni tagħkom f'dan il-proġett għandha l-potenzjal li tgħaddi bosta tamiet u messaġġi importanti lill-istudenti.

Dan il-proġett joffri lill-entità tagħkom opportunità unika li biha tkunu kontributuri fil-ġid tas-soċjetà billi tgħinu lill-iskejjel jiżviluppaw esperjenza pożittiva u ħolistika ta' tagħlim għall-istudenti tagħhom.

Iżjed minn hekk, b'din l-esperjenza intom se tkunu qegħdin turu lill-istudenti r-rabta importanti li teżisti bejn l-edukazzjoni tagħhom u d-dinja tax-xogħol, sew jekk huma ħiliet tekniċi u sew jekk huma ħiliet soċjali. Fl-istess waqt, huwa mezz għalikom biex tagħrfu u tqawwu l-potenzjal fiż-żgħażagħ tagħna, li jistgħu jkunu l-ħaddiema prospettivi tagħkom fil-futur.

Iżda fuq kollox, bl-involviment attiv tagħkom, se tkunu qegħdin tagħtu lill-istudenti ċans sabiħ jiffurmaw attitudni pożittiva fuq id-dinja tax-xogħol. Hu ċans akbar għalikom biex tieħdu vantaġġ minn dan il-proġett u tagħmlu riklam pożittiv lill-entità li tirrappreżentaw u li intom tant kburin biha!